# *Ħamsin sena mill-mewt tal-Arċipriet*
# Dun Ġużepp Cassar
## *u għaxar snin minn dik ta'*
# P. Stiefnu Barbara OFMCap.

Minn Eman Bonnici

Permezz ta' dan l-artiklu, xtaqt infakkar illum il-memorja ta' żewġ kompajżani Bormliżi li din is-sena taħbat għal wieħed, il-ħamsin sena minn mewtu u għat-tieni, l-għaxar waħda. Ordnati t-tnejn għall-ordni sagri, għexu l-vokazzjoni tagħhom b'mod differenti: wieħed bħala membru tal-kleru djoċesan u aktar tard membru tal-kapitlu kolleġġjali u l-ieħor bħala iben fqajjar ta' San Franġisk. Madankollu kienu mħeġġa t-tnejn b'dik l-imħabba partikolari li l-Bormliżi jafu jġorru għal Marija Immakulata. Sforz tal-bosta impenji li ħaddnu fl-oqsma rispettivi tagħhom, imfittxija matul is-snin minn bosta għal raġunijiet diversi, din il-kitba hija turija ta' apprezzament ċkejken lejn ħajjithom u ħidmiethom.



### Il-Kanonku Dun Ġużepp Cassar D.D., J.C.B.

Iben Alessandru Cassar u martu Concetta mwielda Camilleri, li ħallietu żgħir sforz tal-mewt bikrija tagħha fl-età ta' 34 sena fl-10 ta' Lulju 1905, Ġużeppi Cassar twieled Bormla fis-16 ta' Marzu 1899 fi ħdan familja ta' arġentiera msejħa appuntu "Ta' Xandru" u wara li temm l-istudji tiegħu fis-Seminarju u l-Università Rjali, li wassluh għall-kisba ta' grad fit-teoloġija u ieħor fil-liġi kanonika, ordna saċerdot fl-20 ta' Diċembru 1924. Qaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu nhar is-solennità tal-Qaddisin Innoċenti Martri u maħtur kanonku tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata Perinsinji ta' Bormla bid-dinjità ta' penitenzier fil-5 ta' Diċembru 1929, qeda bħala segretarju tal-kapitlu kolleġġjali u aktar tard bħala vigarju kurat għal perjodu ta' sena bejn l-1947 u l-1948 wara l-mewt ta' Dun Karm Cutajar, sakemm kien appuntat suċċessur tiegħu l-Kanonku Dun Alwiġ Abela, li kellu jkun l-aħħar kurat fl-istorja tal-parroċċa ta' Cospicua. Mgħolli għad-dinjità ta' teżorier fil-5 ta' Ġunju 1948 u aktar tard għal dik arċipretali fl-14 ta' April 1963 wara l-mewt ta' Mons. Dumink Cutajar, okkupa dan l-uffiċċju sa mewtu, li seħħet fl-età ta' 69 sena fis-27 ta' Settembru 1968 ġewwa r-residenza tiegħu numru 8, Blokk A, Triq Santa Tereża, Bormla, fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. Għalliem fis-Seminarju għal seba' snin, bejn l-1923 u l-1930, qeda ta' surmast tal-Liċeo mis-sena 1932 sal-irtirar tiegħu m'għeluq is-sittin sena. F'belt twelidu

mbagħad serva wkoll bħala president u direttur spiritwali tad-Domus Piju IX, prokuratur tas-Sorijiet Karmelitani Skalzi tal-monasteru ta' Santa Margerita u direttur spiritwali tas-*Società Filarmonica Nazionale Cospicuana San Giorgio*, waqt li kien ukoll president tal-Opra ta' San Vinċenz minn Paola. Kien hu li ntroduċa ġewwa Bormla l-Azzjoni Kattolika għax-Xebbiet.

Wieħed mill-ftit saċerdoti li baqgħu jgħixu Bormla tul il-perjodu diffiċli tat-Tieni Gwerra Dinjija, bl-oħrajn ikunu aktarx il-Kanonku Dun Dward Zerafa u l-Kurat Dun Anton Camilleri, li fi kliemu stess, kif ġieli rrakkuntali P. Leopoldu Tabone OFM. Cap., mistoqsi minn dan l-aħħar kienx għad fadal xi ħadd Bormla meta darba ltaqa' miegħu tul il-perjodu belliku wiegħbu: "Ħadd: klieb u qtates biss!", Cassar u Zerafa kienu jqaddsu darba kull wieħed kuljum fil-mina ta' Għajn Dwieli fin-niċċa li għadna nistgħu naraw sal-lum f'nofsha, meta l-perikli għamluha wisq diffiċli għall-ftit nies li kien għad fadal biex jisimgħu l-quddies fil-knisja parrokkjali. Afdat bil-ħarsien u t-treġija tal-Oratorju tal-Kurċifiss u għaldaqstant tal-Fratellanza tiegħu, minkejja r-realtà kiebja tal-perjodu belliku, fl-1943 irnexxielu jorganizza b'suċċess il-festa tad-Duluri, li għaliha niżlu tant nies, li seħħlu jiġbor biżżejjed minn fost dawk preżenti sabiex jinxtara s-sandli tad-deheb li naraw imxidd illum f'riġlejn l-istatwa tal-Verġni Addolorata wara li dak li kellha oriġinarjament safa' misruq is-sena ta' qabel. Is-sandli l-ġdid inħadem minn ħuh Franġisku, arġentier, li miet fis-16 ta' Lulju 1957. Qabel dan, lura għall-1939, Cassar kien diġà ġabar għall-irjus tas-salib, ir-raġġiera bl-istilel, il-kuruna tax-xewk, l-imsiemer, is-sandli u l-I.N.R.I. preżenti fuq l-istess vara, li ħadimhom ilkoll ċertu Pawlu Pace, arġentier, imlaqqam "Babusu".



Meta b'turija ta' radd il-ħajr għall-ħelsien mit-tiġrif tal-knisja parrokkjali matul il-perjodu belliku, sar il-magħruf pellegrinaġġ minn Birkirkara għal Bormla, Cassar intgħażel, flimkien mal-Arċipriet Mons. Dumink Cutajar u ħuh il-Kurat Dun Karm, biex jifforma parti mid-deputazzjoni organizzattiva għal tali trasport solenni minn Mons. Mikiel Gonzi f'laqgħa stroardinarja li seħħet fil-Kurja Arċiveskovili fl-1 ta' Ottubru 1944. U meta n-nies qabdet terġa' tmur toqgħod lura Bormla wara l-gwerra, il-Kanonku Cassar ħa ħsieb ilaqqa' mill-ġdid il-fratelli tal-Fratellanza tal-Kurċifiss, fejn mill-ewwel ħasbu sabiex jerġgħu jorganizzaw mill-ġdid mhux biss il-festa tad-Duluri, iżda wkoll dawk tal-Ġimgħa l-Kbira, tal-Irxoxt u tas-Salib Imqaddes.

Devot partikolari tal-Papa San Piju X, ta' min isemmi li l-prospettiva tal-fidda li żżejjen il-kwadru bix-xbieha ta' dan il-Papa preżenti fil-kor tal-kolleġġjata, li tiegħu kien fuq kollox it-tielet kustodju, flimkien mar-rużetta li nsibu f'idejh, kienu offruti lilu minn Cassar stess, b'sinjal mhux biss ta' devozzjoni, imma wkoll ta' radd il-ħajr, li skont għal darb'oħra P. Leopoldu, ir-rużetta ngħidu aħna, kienet għelm ta' "grazzja maqlugħa bl-interċessjoni tal-Papa" f'mument meta fiż-żogħżija tiegħu saħħtu kienet għamlet żmien qiegħda tkiddu. U għalkemm ma jġorr l-ebda isem, tajjeb insemmu wkoll li l-ktejjeb popolari "Żvilupp tal-Qima lejn Marija Verġni Immakulata f'Bormla" maħruġ fl-1949,

kitbu u ħallsu Cassar ukoll. Ngħid "popolari" għax kien wieħed minn dawk il-kotba li kont issib fl-idejn prattikament f'kull dar jew familja ġewwa Bormla.



Wara funeral akkumpanjat mill-Banda San Ġorġ li ġie fi tmiemu biswit il-mina ta' Għajn Dwieli, il-Ħadd, 29 ta' Settembru 1968, l-Arċipriet Cassar indifen fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata f'Raħal Ġdid, sewwasew fid-Diviżjoni Punent, Sezzjoni O, Kompartiment B, numru 9, fil-qabar ta' missieru. 'Il quddiem, it-tifel ta' oħtu Karmena, Anton, li kien *fitter* u inġinier it-Tarzna u aktar tard għalliem fl-Iskola Teknika San Ġużepp f'Kordin, ħaddan huwa wkoll l-ordni sagri fl-1973 u miet bid-dinjità ta' kanonku dekan tal-kapitlu ta' Bormla fis-7 ta' April 2005.

**P. Stiefnu Barbara OFMCap.**

"Kellu l-qdusija mpittra fuq wiċċu!", hekk esklama P. Bonaventura Chetcuti OSA., (1918 - 2009), minn Bormla hekk kif daħal jagħti l-aħħar tislima lil P. Stiefnu waqt li l-katavru tiegħu kien jinsab espost fil-parlatorju tal-kunvent tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini fil-Furjana. P. Bonaventura, li ħadem għal snin twil fil-missjoni Agostinjana fl-Alġerija, fejn kien fost l-oħrajn rettur tal-Bażilika ta' Bona, twieled u trabba fl-istess triq ma' P. Stiefnu ġewwa Bormla.

It-tielet fost sitt itfal ta' Ġużeppi Barbara u Ġużeppa xebba Seguna, Arturu Barbara twieled nhar it-2 ta' Jannar 1919. Wara l-istudji elementari fl-iskola primarja tal-gvern f'belt twelidu, għadda għal-liċeo tal-Belt Valletta iżda aktar tard kompla l-istudji tiegħu għand il-Frères ta' De La Salle fil-kulleġġ tagħhom f'Bormla. Ta' ħmistax-il sena daħal bħala *shipwright apprentice* fid-*Dockyard School*. Kien fiż-żmien li kien jagħmilha ta' abbati fil-knisja ta' Santa Tereża tal-Patrijiet Karmelitani Skalzi ta' Bormla li Arturu ħass dik li sejħilha huwa stess aktar tard f'ħajtu "l-ewwel togħma ta' ħajja reliġjuża." Bosta ħasbu li kien ser jissieħeb magħhom "iżda l-Mulej riedni band'oħra", kien jissokta jgħid. Il-figura ta' Fra Pawl minn Birkirkara, Kapuċċin li għal snin twal kien ċirkatur fl-inħawi tal-Kottonera u ż-żjarat ta' spiss li huwa u ommu kienu jħobbu jagħmlu fil-knisja ta' Santa Barbara tal-Kapuċċini fil-Kalkara, qanqlu fih il-vokazzjoni sabiex jissieħeb appuntu fl-Ordni tal-Patrijiet Franġiskani Minuri Kapuċċini. Nhar jum is-solennità ta' Sidtna Marija Immakulata, fit-8 ta' Diċembru 1935, Barbara u disa' kandidati oħra, libsu l-abitu fqajjar tal-Kapuċċini u bdew in-novizzjat tagħhom fil-kunvent ta' Sidtna Marija tal-Grazzja fir-Rabat, Għawdex, b'Arturu jirċievi l-isem reliġjuż ta' Fra Stiefnu minn Bormla.

Wara li fit-3 ta' Jannar 1937 għamel il-professjoni sempliċi tiegħu, Fra Stiefnu kien assenjat fi ħdan il-fraternità Kapuċċina tal-Kalkara, fejn fit-28 ta' Mejju 1940 wettaq il-professjoni solenni. Ordnat presbiteru fit-23 ta' Settembru 1944 minn Mons. Mikiel Gonzi fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta, qaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fit-8 ta' Ottubru tal-istess sena fil-knisja tal-Kapuċċini fil-Kalkara, fejn 'il quddiem kellu jfakkar ukoll is-sittin sena mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu fid-19 ta' Diċembru 2004.

## Ħidmietu

Wara l-ordinazzjoni tiegħu, P. Stiefnu tħalla jifforma parti mill-fraternità msemmija tal-Kalkara, fejn dam sitt snin, li matulhom serva bħala surmast tan-novizzi u l-istudenti u kappillan tal-Konservatorju ta' San Ġużepp f'Bormla. Kappillan nazzjonali tax-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla, fl-1950 kien assenjat fi ħdan il-fraternità tal-Furjana, li tagħha baqa' jifforma parti sakemm miet, għajr għall-eċċezzjoni ta' ftit xhur li matulhom qeda ta' superjur tal-kunvent ta' Għajn Dwieli fl-1950, meta l-preżenza tal-Kapuċċini fil-lok kienet għadha fil-bidu tagħha.

Maħtur bħala t-tieni kustodju ġenerali tal-Provinċja Kapuċċina Maltija fl-1962 u tliet snin wara t-tielet definitur, fl-1968 kien appuntat it-tieni definitur provinċjali. Rappreżentant tal-Provinċja fil-Kunsill Presbiterali, kappillan ta' dik li darba kienet magħrufa bħala "Id-Dar tat-Tfal" fil-Palazz Capua f'Tas-Sliema, direttur tal-Ordni Serafiku Franġiskan (OFS), direttur spiritwali tal-Iskola Serafika Franġiskana, konfessur fis-Seminarju tal-Arċisqof u kappillan tal-Isptar Navali f'Bighi, P. Stiefnu kien saċerdot imfittex fuq kollox għall-predikazzjoni u s-sagrament tal-qrar.

## Konfessur assidwu imfaħħar minn San Piju minn Pietrelcina

P. Stiefnu għadda l-parti l-kbira tal-ministeru saċerdotali tiegħu jamministra l-qrar. Konfessur ta' bosta, kien imfittex saħansitra minn saċerdoti għolja fi ħdan il-ġerarkija ekkleżjastika u kif ukoll minn għadd kbir ta' sorijiet, fosthom dawk tal-Kongregazzjoni Ulied il-Qalb ta' Ġesù, li kien iqaddes għandhom kull filgħodu fil-kunvent tagħhom fi Fleur-de-Lys. Nhar ta' Ħadd, kull meta kien imissu, kien iqaddes imbagħad għand is-Sorijiet Klarissi fil-monasteru tagħhom f'San Ġiljan. Predikatur popolari, aktar milli bil-kliem, P. Stiefnu kien jipprietka bl-istess eżempju tal-ħajja li kien jgħix, tant hu hekk, li jissemmew żewġ rakkonti li fihom ġie mfaħħar għal tali eżempji tiegħu minn ħadd ħlief il-Mistiku tal-Pjagi, San Piju minn Pietrelcina (1887 - 1968), li minkejja li f'ħajjithom qatt ma ltaqgħu, ikkorrispondew jew tkellmu, il-Kapuċċin tal-Pjagi jidher li kien jaf sewwa bih, fenomenu li bħalma nafu kien tassew imżejjen bih, sforz tal-fatt li kapaċi jaqra l-qlub u jbassar li ġej minn mili bogħod fil-ħemda tal-kunvent tiegħu f'San Giovanni Rotondo.



L-ewwel fatt kien jirrakkuntah il-Perit Edgar Caruana Montaldo (1927 - 2007). Lura fl-1958, dan wettaq żjara lill-Kapuċċin tal-Pjagi appuntu f'San Giovanni Rotondo u P. Piju qabel ma bierku u sellimlu, qallu: "La tinżel Malta, nixtieqek tmur iżżur lil Dun Ġorġ Preca u għidlu li bgħattlu l-barka speċjali tiegħi. Imbagħad nitolbok tmur għand P. Stiefnu, Kapuċċin, u għidlu li bgħattlu wkoll l-barka tiegħi".

Fatt kurjuż ieħor b'rabta dawn iż-żewġ figuri seħħ meta grupp Maltin żar San Giovanni Rotondo bil-ħsieb li jitlob xi pariri lil P. Piju. Xħin kellmuh u qalulu li kienu telgħu apposta minn Malta biex ikellmuh, P.

Piju ħatafhom u qalilhom: "Jiġifieri intom qgħadtu tiġu għandi minn Malta għal parir?" Dawk weġbuh iva u l-Kapuċċin issokta jgħidilhom, "Ma kienx hemm għalfejn toqogħdu tiġu hawn. Malta hemm reliġjuż ieħor li seta' jagħtikom l-istess parir tiegħi, Kapuċċin bħali, jismu P. Stiefnu". Fatt interessanti u kurjuż meta wieħed jinnota li dawn iż-żewġ Kapuċċini qatt ma ltaqgħu personalment jew kellhom xi forma ta' kuntatt bejniethom.

## P. Stiefnu u s-Soċjetà tal-MUSEUM

P. Stiefnu kien mill-banda l-oħra, ħabib tal-qalb ta' Dun Ġorġ Preca (1880 - 1962), fundatur tas-Soċjetà tal-MUSEUM li seħħlu jsir l-ewwel qaddis Malti, hekk li fost l-oħrajn kien il-barbier tiegħu. Kif kien iħobb isemmi P. Stiefnu stess, meta l-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana ġġarrfu wara attakk mill-ajru matul it-Tieni Gwerra Dinjija, Dun Ġorġ kien jidher ta' spiss fl-inħawi u jieqaf jitlob qalb it-tifrik. Peress li P. Stiefnu trabba mas-Soċjetà, żamm dejjem f'qalbu anki ċertu tradizzjonijiet marbutin magħha, tant li ta' kull sena ngħidu aħna kien jaħdem għadd ta' grotti, presepji u Bambini li kien iqassam matul ix-xahar ta' Diċembru bħalma jagħmlu l-istess soċji mużewmini.

Minkejja l-età venerabbli tiegħu, P. Stiefnu baqa' sal-aħħar bniedem attiv u ħabrieki. Anki meta l-forzi f'saqajh kienu qabdu jħalluh, xorta waħda kien jieħu sehem f'kull attività li kien jista', inklużi funerali u funzjonijiet diversi. Sal-aħħar, nhar it-8 ta' Diċembru, matul is-sigħat ta' filgħodu kien dejjem iżur il-Kolleġġjata ta' Bormla nhar jum Sidtna Marija Immakulata, fejn kien darba niseġ il-paniġierku tal-festa f'ġieħha lura fis-snin.

Reliġjuż li sew fil-pubbliku kif ukoll u fil-kunvent, kont issibu dejjem mistur fiċ-ċoqqa fqira tiegħu ta' Franġiskan, nhar il-Ħadd, 3 ta' Frar 2008, P. Stiefnu waqa' fiċ-ċella tiegħu u kontra qalbu kien meħud l-Isptar Mater Dei. Għedt "kontra qalbu", għax huwa dejjem xtaq imut fl-istess ċella tiegħu fil-kunvent fejn għadda kważi sittin sena. Għalkemm darab wiċċu u rasu, il-kundizzjoni tiegħu kienet tidher stabbli, iżda kmieni filgħodu tal-għada t-Tnejn, 4 ta' Frar, sofra minn attakk tal-qalb u miet għall-ħabta tas-sebgħa u nofs u ħamsa, jumejn wara li għalaq id-89 sena tiegħu.

Il-funeral tiegħu sar l-għada t-Tlieta, 5 ta' Jannar, mill-parlatorju tal-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana għall-knisja annessa tas-Salib Imqaddes, fejn saritlu quddiesa li fiha kkonċelebraw tnejn u sittin presbiteru, immexxija minn P. Joe Alessandro, dik il-ħabta provinċjal tal-Kapuċċini f'Malta, illum isqof ta' Garissa fil-Kenja. Il-katavru tiegħu ndifen f'wieħed fl-oqbra tal-Kapuċċini fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata ta' Raħal Ġdid, fuq il-fdal ta' Fra Antnin Vella OFM. Cap., miż-Żejtun li miet ta' 78 sena fl-Isptar San Luqa nhar it-8 ta' Settembru 2006, sewwasew fid-Diviżjoni Punent, Sezzjoni AA, Kompartiment B, numru 2. Meta l-qabar tnaddaf fit-2 ta' Jannar 2014, il-fdal tiegħu flimkien ma' ta' dawk li kienu midfuna fl-istess lok, kien ittrasportat f'qabar ieħor appartenenti wkoll lill-Kapuċċini *Sotto La Cappella* numru 66.

Il-kelmiet meħuda mill-Vanġelu ta' San Mattew: "Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet", jippreżentaw tassew b'mod ċar il-figura ta' dan ir-reliġjuż, li umilment mexa fuq il-passi ta' San Franġisk ta' Assisi u ħalla eżempju assidwu u mirqum fost dawk li kellhom ix-xorti jiltaqgħu miegħu. Nagħlaq hawn, bi frażi li kien spiss iħobb itenni: "Kelma tajba bħal tofija, tajba għalik u tajba għalija!"

Jistrieħu fis-sliem!